



# EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society  
January 2021 | MT

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

## EDITORJAL



## Jalla dis-sena ??ib aktar prevedibbiltà, pa?i u fer?

### **Jalla dis-sena ġġib aktar prevedibbiltà, paçi u ferħ**

Għeżież qarrejja,

Bdejna l-2021 u għadna maħkumin mill-COVID-19, miżuri ta' lockdown u ħerba fis-suq tal-impjiegi iżda b'tama għal futur aħjar minħabba l-vaċċin. Dak li hu importanti dis-sena hu li niżguraw id-dożi għal kulħadd u nikkonvinċu lin-nies jitlaqqmu. Hekk kif ikun hemm progress fil-kampanja tat-tilqim, l-enfażi se tkun iktar u iktar fuq l-irkupru u l-ħolqien ta' Ewropa wara l-COVID-19.

Il-Portugall, li ħa f'idejh il-Prezidenza tal-Kunsill tal-UE fl-1 ta' Jannar, adotta b'mod ċar dan l-approċċ usa' u li jħares 'l quddiem. Il-prijoritajiet ta' Lisbona jikkonċentraw fuq il-ġlieda kontra l-kriżi ekonomika u l-ġlieda kontra l-impatt tagħha fuq iċ-ċittadini permezz ta' rkupru ġust, ekoloġiku u diġitali.

Il-KESE jilqa' dawn il-prijoritajiet u se jikkontribwixxi billi jibdel il-kliem f'azzjoni permezz ta' Opinjonijiet esploratorji mitluba mill-Prezidenza Portugiża. Se nindirizzaw is-suġġett tat-telexogħol, inkluż mill-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Il-membri tagħna se jaħdmu wkoll fuq Opinjonijiet dwar it-taħriġ vokazzjonali u dwar l-isfidi futuri taż-żona ferrovjarja unika Ewropea.

Ir-rwol tal-ekonomija soċjali fil-ħolqien tal-impjiegi u fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huwa s-suġġett ta' Opinjoni oħra mitluba. Dejjem fil-qasam tal-affarijiet soċjali, għandi stennijiet għoljin għas-Summit Soċjali informali tal-UE skadat li jsir f'Porto f'Mejju 2021. Il-KESE jixtieq jibqa' jinvolvi ruħu fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Ċertament, se nkomplu bil-ħidma tagħna fuq it-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika - żewġ tendenzi kbar ħafna li huma kruċjali għat-tfassil tal-ġejjieni tal-UE. Kif enfasizzajt fil-prijoritajiet tal-Prezidenza tiegħi, irridu niżguraw li l-UE b'mod ġenerali u ċ-ċittadini b'mod partikolari jaħdsu l-benefiċċji ta' dawn it-tranżizzjonijiet.

L-2021 hija l-ewwel sena tal-baġit il-ġdid fit-tul tal-UE u l-mument fejn se jiġu rilaxxati r-riżorsi eċċezzjonali pendenti disponibbli fil-kuntest tal-Fond għall-Rkupru Next Generation EU. Il-KESE jixtieq jimmonitorja l-implimentazzjoni tiegħu fil-livell nazzjonali. L-għarfien espert fil-livell lokali tal-membri tagħna jista' jgħin biex jiġu identifikati l-ostakli fir-rilaxx tal-fondi u biex jiġi vvalutat l-impatt ta' dawn ir-riżorsi bla preċedent fuq l-irkupru. Huwa estremament importanti li jkun aċċess rapidu għall-fondi.

Madankollu għadha ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni dwar il-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa Nittama li d-dibatitu interistituzzjonali dwar dan is-suġġett jiġi fi tmiemu sabiex inkunu nistgħu naħdmu fuq il-kontribut tas-soċjetà ċivili organizzata għal din id-diskussjoni.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, se nkomplu nibnu l-immaġni tal-istituzzjoni tagħna. Kif wegħedt fil-bidu tal-Prezidenza tiegħi, qegħdin naħdmu fuq it-tisħiħ tal-istandards etiċi u t-trasparenza permezz ta' Kodiċi ta' Kondotta mtejjeb.

Nittama li lkoll tiegħu gost taqraw dan il-bullettin u nawguralkom għall-2021! Jalla dis-sena  
għibilna aktar prevedibbiltà, paċi u ferħ

**Christa Schweng**

Il-President tal-KESE

## DATI TAD-DJARJU

24-25 ta' Frar 2021, Brussell

**Sessjoni plenarja tal-KESE**

18-19 ta' Marzu 2021, Brussell

**L-Ewropa Tiegħek, Leħnek! 2021**

---

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



## Mistoqsija lil...

Fit-taqsimha tagħna “Mistoqsija lil...”, aħna nistaqsu lill-membri tal-KESE biex iwiegħbu mistoqsija topika li tidhrilna li hija partikolarment rilevanti.

Tlabna lil Dimitris Dimitriadis, President tas-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni, jaqsam mal-qarrejja tal-KESE Info fehmienu dwar l-elezzjonijiet tal-Istati Uniti.

---



## Għal s'ubija b'saħħitha bejn l-UE u l-Istati Uniti

### **Minn Dimitris Dimitriadis President tas-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni**

**L-Aġenda Trans-Atlantika Ġdida attwalment hija fil-qalba tal-aġenda politika għall-istituzzjonijiet Ewropej kollha. Il-Kumitat tagħna, b'mod partikolari s-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni, jaderixxi b'mox sħiħ magħha, kif muri mil-laqgħa reċenti tal-Kumitat ta' Segwitu tagħna għar-Relazzjonijiet Trans-Atlantiċi, li kien hemm mistednin prominenti ħafna li enfasizzaw l-importanza ta' djalogu b'saħħtu u solidu tas-soċjetà ċivili, kif ukoll mid-dikjarazzjoni tal-President tal-KESE u d-dikjarazzjoni tiegħi dwar l-elezzjoni tal-Istati Uniti tal-2020 fejn esprimejt tama għal sħubija b'saħħitha biex jiġu ffaċċjati l-isfidi globali.**

L-Unjoni Ewropea **hija u dejjem se tkun imsieħba u alleat sod tal-Istati Uniti**, u aħna se nkunu grati li nerġġhu nistabbilixxu djalogu produttiv u siewi dwar il-kwistjonijiet kollha li kienu mblukkati matul l-amministrazzjoni preċedenti.

Għalhekk, jien nappoġġja l-oqsma identifikati għal kooperazzjoni akbar potenzjali (ħidma flimkien għal dinja aktar b'saħħitha - COVID-19 u wara, ħidma flimkien biex niproteġu lill-pjanetà tagħna u l-prosperità; ħidma flimkien fuq it-teknoloġija, il-kummerċ u l-istandards; u l-aħħar u mhux l-inqas, ħidma flimkien lejn dinja aktar sikura, aktar prosperuża u aktar demokratika) u nemmen li djalogu b'saħħtu mas-soċjetà ċivili u r-relazzjonijiet interpersonali għandhom rwol kruċjali biex jinkisbu dawn l-għanijiet. L-għanijiet imsemmija hawn fuq bla dubju jinkludu l-prinċipji tal-multilateraliżmu u l-istrutturi internazzjonali li għinna nibnu flimkien.

Il-Kumitat tagħna, bħala rappreżentant tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropea, u b'mod partikolari l-President tal-Grupp ta' Segwitu tagħna għar-Relazzjonijiet Trans-Atlantiċi, is-Sur Christian Moos, u jien, fil-kapaċità tiegħi ta' President tas-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni, nibqgħu impenjati u determinati biex insaħħu l-pontijiet mal-Atlantiku.

---

## AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



## Il-mistieden sorpri? a

**Kull xahar se nintroduċukom mal-mistieden sorpriża tagħna: personalità Ewropea magħrufa sew li tissemma fl-aħbarijiet u li se tgħaddilna l-ħsibijiet tagħha dwar id-dinja: nifs ġdid biex inwessgħu l-orizzonti tagħna, nispiraw ruħna u naġġornaw l-għarfien tagħna.**

Il-mistiedna sorpriża hija l-Professor **Danuta Hübner**, Membru tal-Parlament Ewropew. Hija għandha karriera professjonali rikka ħafna fil-qasam internazzjonali u Ewropew.

Fil-Polonja, Danuta Hübner kienet tissejjaħ is-Sinjura Ewropa għaliex kienet waħda mill-aktar persuni importanti għall-adeżjoni tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea. Mill-2001-2004 hija kienet Ministru għall-Affarijiet Ewropej. Fl-2004, hija saret l-ewwel membru Pollakk tal-Kummissjoni Ewropea, għall-bidu responsabbli għall-portafoll tal-kummerċ

internazzjonali u wara responsabbli għall-politika reġjonali fi ħdan il-Kummissjoni mmexxija minn Romano Prodi u wara minn José Manuel Barroso (2004-2009).

Wara li rebħet siġġu fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (PE) tal-2009, hija saret membru tal-Grupp tal-Partit Popolari Ewropew (PPE), u kienet il-President tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali. Hija ġiet eletta mill-ġdid fil-PE għall-mandat 2014-2019, fejn hija kienet il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali.

Hija ġiet eletta għat-tielet darba fl-2019, hija membru tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, u tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali fejn hija l-koordinatur tal-PPE. Hija kienet membru tal-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Brexit tal-PE u bħalissa hija tippresjedi il-Grupp ta' Monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

---



## Il-mistiedna sorpri? a, Danuta Hübner taqşam il-fehma tag?ħa dwar il-Brexit mal-qarrejja tag?na

**Referendum konsultattiv li fih iċ-ċittadini tar-Renju Unit ġew mistoqsija jekk pajjiżhom għandux joħroġ mill-Unjoni Ewropea sar fit-23 ta' Ġunju 2016. B'maġġoranza żgħira ħafna, il-poplu Brittaniku appoġġja l-idea li joħroġ mill-UE. Ir-riżultat kien differenti madwar il-pajjiż: fl-Iskozja, fl-Irlanda ta' Fuq kif ukoll f'Londra, ir-rieda tan-nies kienet li r-Renju Unit jibqa' fl-UE. Madankollu, ir-referendum kien segwit mill-impenn tal-gvern tal-Renju Unit li l-Brexit iseħħ. Fl-1 ta' Frar 2020, daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar il-ħruġ, li ppermetta perjodu ta' tranżizzjoni ta' 11-il xahar. Il-ftehim ta' ċertezza legali lil dawk kollha affettwati mill-Brexit. Sussegwentement, mill-1 ta' Jannar 2021, daħal fis-seħħ il-ftehim dwar ir-relazzjoni futura, u għaldaqstant, ir-Renju Unit sar uffiċjalment pajjiż terz.**

Il-ftehim bejn l-UE u r-Renju Unit dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni huwa bla preċedent f'ħafna aspetti. L-aktar karatteristika importanti tiegħu hija li l-ftehim naqqas b'mod sinifikanti r-relazzjonijiet bejn ir-Renju Unit u l-UE, li kienu bnew flimkien għal aktar minn 45 sena.

Ekonomija kbira telqet b'mod volontarju minn żona ta' kummerċ preferenzjali, is-suq uniku mingħajr fruntieri ta' 450 miljun persuna u l-akbar u l-aktar setgħa regulatorja influwenti fid-dinja.

Ir-Renju Unit għamel dan fi żmien meta d-dinja se tissawwar b'mod pjuttost ċar minn tliet potenzi globali ewlenin - l-Istati Uniti, l-UE u ċ-Ċina, fi żmien meta pandemija globali teħtieġ solidarjetà u kooperazzjoni. Il-ħruġ mill-UE kien immexxi minn rieda politika li jittieħed lura l-kontroll u minn fehim pjuttost tradizzjonali tat-terminu "sovranià".

Il-proċess ta' negozjati għal dan il-ftehim kien diffiċli u ta' uġieġħ, mimli inċertezza, li żammna f'xenarju ta' ebda ftehim sal-aħħar minuta tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni Ewropea rnexxielha żżomm in-negozjati ħajjin biżżejjed biex jintlaħaq il-mument meta l-ftehim sar fattibbli. Fortunatament, il-gvern Brittaniku ma użax l-argument tas-sovranià bħala skuża għal kalamità ta' ebda ftehim.

Li ma jkun hemm ebda ftehim qatt ma kien għażla għall-UE. Konna konxji wkoll li anke ftehim dgħajjef ħafna kien aħjar minn xenarju ta' ebda ftehim. Fi kwalunkwe każ, bi ftehim jew mingħajr ftehim, se jkun hemm distorsjonijiet u spejjeż li għandhom jitħallsu mill-pubbliku ġenerali u mill-komunità tan-negozju fuq iż-żewġ naħat tal-Kanal.

Ġaladarba r-Renju Unit sar pajjiż terz, lanqas l-aktar miżuri effettivi ta' tnejnija ma jistgħu jipproteġuna bis-sħiħ kontra l-konsegwenzi tal-Brexit. L-aħbar it-tajba hija li l-miżuri kollha previsti fil-Ftehim dwar il-ħruġ fir-rigward tal-fruntiera Irlandiża u d-drittijiet taċ-ċittadini ġew implimentati u saru operattivi fil-ħin.

Ta' min isemmi li l-Parlament Ewropew wera flessibbiltà kbira fir-rigward tad-dritt demokratiku tiegħu li jiskrutinja l-ftehim futur, u qabel li jipproċedi bil-kunsens tiegħu fid-dawl taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali għall-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim.

Il-Parlament iddeċieda li jħallas dan il-prezz għaliex aħna nemmnu li l-kisba ta' ftehim dwar is-sħubija futura se tippermettilna nżommu l-konverżazzjoni man-naħa l-oħra tal-Kanal miftuħa fit-tul. Għaldaqstant, dan huwa prezz ġustifikat.

Ħadd ma jaf x'jista' jkun ir-riżultat ta' referendum kieku kellu jsir illum, meta l-pubbliku Brittaniku iġenerali huwa ħafna aktar informat milli kien fl-2016 dwar il-konsegwenzi li ma jibqgħux ċittadini tal-Unjoni Ewropea u meta d-dinja madwar ir-Renju Unit inbidlet b'mod daqshekk drammatiku. L-ispirtu tal-Brexit għadu validu fir-Renju Unit? Qatt m'aħna se nkunu nafu. Però nawgura l-isbaħ xewqat lill-ħbieb Brittaniċi tagħna.

Il-ħajja reali se tittestja l-istat ta' tnejnija ta' kulħadd għas-sitwazzjoni l-ġdida. Hija se tittestja l-ftehim milħuq. Hija se jittestja l-valur tas-sovranità Brittanika.

Iż-żewġ naħat jemmnu li għandna ftehim tajjeb. Madankollu, se jkun hemm spejjeż relatati mad-distorsjonijiet inevitabbli. Il-konsumaturi u n-negozji se jħallsu l-ispejjeż talli r-Renju Unit ma baqax parti mis-suq uniku jew mill-unjoni doganali. Studenti mill-UE li jixtiequ jistudjaw fir-Renju Unit mhux se jibqa' jkollhom l-istatus ta' studenti nazzjonali. Il-Gvern Brittaniku ma kienx interessat li r-Renju Unit jipparteċipa fil-programm ta' skambju Erasmus.

Il-moviment liberu tal-persuni, tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-kapital bejn l-UE u r-Renju Unit intemm. Se jkun hemm ostakli għall-mobbiltà u l-kummerċ.

Il-Belt ta' Londra se tibqa' ċentru finanzjarju globali importanti u nittama li se nkunu nistgħu niżviluppaw approċċ kooperattiv.

Il-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira ġie ssalvagwardjat. L-UE rnexxielha tiddefendi l-integrità tas-suq intern tagħha ta' 450 miljun parteċipant. Hija żammet ukoll l-għaqda tagħha mill-ewwel jum, billi pproteġiet l-valuri u l-prinċipji ewlenin tagħha.

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea fi tmiem in-negozjati stqarret li hija ħasset sodisfazzjon u serħan. Huwa minnu li l-Brexit ikkonsma ħafna mill-ħin u l-enerġija tagħna. Fl-aħħar il-ftehim intlaħaq. Ir-Renju Unit se jkompli l-vjaġġ tiegħu waħdu. L-Unjoni Ewropea issa trid tiffoka fuq il-futur tagħha u l-missjoni globali tagħha.

Il-ftehim dwar ir-relazzjonijiet futuri tagħna huwa wieħed kumpless. Hemm ħafna riskji u sfidi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu. Quddiemna hemm bosta żminijiet diffiċli. Għalkemm huwa ftehim bla preċedent, għad hemm kwistjonijiet li għadhom mhux mitmuma. It-taħditiet se jkomplu u d-djalogu regolatorju se jkun fundamentali. Għall-ħbieb Brittaniċi tagħna, għad irid ikun hemm fehim sħiħ ta' xi jfisser li tkun pajjiż terz. Il-ħaġa t-tajba hija li peress li għandna ftehim dan se jgħinna biex inkomplu d-djalogu.

**Professur Danuta Hübner,**

**Membri tal-Parlament Ewropew**

---

## A?BARIJET TAL-KESE



## Il-Presidenza Portugiża tal-UE se tiffoka fuq il-? idma rigward il-QFP, il-ftehim dwar il-Brexit u t-tilqim

**Fl-1 ta' Jannar 2021, il-Portugall ħa f'idejh il-presidenza tal-Kunsill tal-UE, bil-motto "Wasal iż-żmien biex nimplimentaw: irkupru ġust, ekoloġiku u diġitali".**

Il-presidenza Portugiża se tiffaċċja l-kompitu diffiċli li timplimenta fil-prattika l-ftehimiet li saru fl-aħħar fażi tal-Presidenza Ġermaniża dwar il-baġit pluriennali tal-UE (QFP) u l-Fond ta' Rikupru, timplimenta l-ftehim ta' wara l-Brexit mar-Renju Unit u tissorvelja t-tilqim fl-Ewropa kontra l-COVID-19.

Il-presidenza għandha ħames objettivi ċari għas-sitt xhur li ġejjin:


- li il-QFP jibda jiffunzjona, u ji?u adottati r-regolamenti me?tie?a u ji?u implimentati l-programmi asso?jati mieg?u.
- li l-Fond g?ar-Re?iljenza u l-Irkupru jitwassal malajr kemm jista' jkun fil-pajji?i, sabiex ji?u a??ellerati t-tran?izzjonijiet ekoloġiċi u di?itali.
- li l-pjan ta' tilqim fl-Ewropa ji?i implimentat b'su??ess, u ting?ata g?ajnuna biex dan isir realtà fil-bqija tad-dinja wkoll.
- li ji?i implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet So?jali u jing?ata spinta kru?jali matul is-Summit So?jali skedat g?as-7-8 ta' Mejju f'Porto.
- li jissa??u r-relazzjonijiet tal-UE mal-imsie?ba strateġiċi ewlenin b?all-Indja u l-Afrika u jer?g?u ji?u stabbiliti r-relazzjonijiet mal-Istati Uniti.

Il-KESE se jikkontribwixxi għall-ħidma tal-presidenza Portugiża biex jiżgura li l-leġen tas-soċjetà ċivili tal-Ewropa jiġi mismuġħ. B'mod partikolari, il-KESE se jwassal l-perspettivi tas-soċjetà ċivili dwar it-temi li ġejjin, permezz ta' Opinjonijiet li qed iħejji fuq talba mill-presidenza:

- L-isfidi tat-telexog?ol: l-organizzazzjoni tal-?in tax-xog?ol, il-bilan? bejn ix-xog?ol u l-?ajja privata, u d-dritt g?all-iskonnessjoni
- It-ta?ri? vokazzjonali: l-effettività tas-sistemi biex janti?ipaw u jqabblu l-?iliet u l-?ti?ijiet tas-suq tax-xog?ol u r-rwol tal-imsie?ba so?jali u l-partijiet interessati differenti
- Ir-rwol tal-ekonomija so?jali fil-?olqien tal-impjiegi u fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet So?jali
- It-telexog?ol u l-ugwaljanza bejn il-?eneri – l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet sabiex it-telexog?ol ma jaggravax id-distribuzzjoni inugwali bejn in-nisa u l-ir?iel fir-rigward tal-kura domestika u tax-xog?ol domestiku mhux im?allsin u sabiex jixpruna l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-?eneri
- I?-?ona ferrovjarja unika Ewropea
- Kif jistg?u ji?u promossi l-?iliet me?tie?a fl-Ewropa biex ti?i stabbilita so?jetà aktar ?usta, koe?iva, sostenibbli, di?itali u re? iljenti permezz tat-tag?lim u t-ta?ri? tul il-?ajja.

Il-Portugall se jkollu f'idejh il-presidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill tal-UE mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju. Se jkun segwit mis-Slovenja, li fit-tieni nofs tal-2021 tagħlaq it-triju mibdi mill-Ġermanja.

Din se tkun ir-raba' presidenza tal-Portugal sa mill-adeżjoni tal-pajjiż mal-UE fl-1986. (mr)



## Il-KESE jilqa' l-attivista prominenti Irlandi? a tad-drittijiet tal-persuni b'di?abbiltà Sinéad Burke

**Fit-2 ta' Diċembru, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ospita dibattitu mal-kittieba Irlandiża u attivista tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà Sinéad Burke fis-sessjoni plenarja tiegħu ddedikata għall-awtonomizzazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà u l-inklużjoni tagħhom fl-isferi kollha tal-ħajja ekonomika, soċjali u politika fl-UE u lil hinn.**

Id-dibattitu, li ġie organizzat lejlet il-Jum Internazzjonali għal Persuni b'Diżabbiltà, kien immarkat b'diskors tassew personali u ta' ispirazzjoni mis-**Sinjorina Burke**.

“Nitlobkom tbiddlu d-dinja billi taħdmu mal-persuni b'diżabbiltà u mhux għalihom. Ninsab grata ħafna li qegħdin tiffaċilitaw din it-taħdita u li nedejtu dan id-dibattitu. Madankollu, dan ma jistax ikun ta' darba biss. Dan huwa moviment li nistedinkom tissiebħu fih, is-**Sinjorina Burke** qalet lis-sessjoni plenarja tal-KESE fejn indirizzat lill-istituzzjonijiet tal-UE għall-ewwel darba.

Hija għadha kemm irċeviet premju letterarju għall-ewwel ktieb tagħha, *Break the Mould*, li jħeġġeġ lit-tfal jagħrfu d-differenzi u jkunu kburin bihom infushom, kif inhuma. Hija wkoll l-ewwel persuna ta' statura żgħira li dehret fuq il-qoxra tar-rivista Vogue u li attendiet il-Met Gala. Permezz tal-kumpanija tagħha, Tilted the Lens, hija taħdem sabiex tħaffef it-tibdil sistematiku fil-perċezzjoni u fit-trattament ta' persuni b'diżabbiltà fl-oqsma tal-edukazzjoni u d-disinn.

**Is-Sinjorina Burke** ntlaggħet mill-President tal-KESE, **Christa Schweng**, li tkellmet dwar l-importanza tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD), trattat internazzjonali rivoluzzjonarju li biddel il-mod kif inħarsu lejn id-diżabbiltà.

“Sfortunatament, is-sitwazzjoni għadha diffiċli u huma meħtieġa miżuri ulterjuri”, qalet is-**Sinjura Schweng**.

Il-kelliema li ħadu sehem fid-dibattitu enfasizzaw l-importanza ta' edukazzjoni u impjeggi inklużivi, postijiet tax-xogħol aċċessibbli u l-użu ta' lingwa, li għandhom jgħiegħlu lill-persuni b'diżabbiltà jħossuhom sikuri u komdi. Huwa wkoll ta' importanza fundamentali li dawn il-persuni jkunu involuti fid-deċiżjonijiet kollha li jaffettwawhom direttament.

Id-dibattitu tefa' dawl fuq l-effett devastanti tal-pandemija fuq il-persuni b'diżabbiltà.

“L-Istrateġija Ewropea tad-Diżabbiltà għad-deċennju li jmiss tista' tkun effiċjenti biss jekk tqis il-konsegwenzi tal-pandemija u tinfluwenza l-politiki u n-nefqa tal-Istati Membri”, wissa l-kap tal-Grupp Tematiku tal-KESE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, **Pietro Vittorio Barbieri**.

**Ioannis Vardakastanis**, membru tal-KESE u president tal-Forum Ewropew dwar id-Diżabbiltà, qal li minflok ma huma protetti u jingħataw prijorità, il-persuni b'diżabbiltà ġew injorati minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

“Is-sitwazzjoni tas-saħħa u l-ħajjiet tal-persuni b’diżabbiltà huma importanti wkoll”, huwa enfasizza. (II)



## [Id-drittijiet ta' g'aqda ta' persuni b'di'abilità](#)

**Nistidnuk biex terġa' tgħix f'it mill-mumentu ewleni ta' konferenza stampa virtwali fil-Jum Internazzjonali għal Persuni b'Diżabbiltà 2020, organizzata mill-Unità tal-Istampa fit-2 ta' Diċembru 2020.**

X'lezzjonijiet jistgħu jittieħdu għal persuni b'diżabbiltà mill-kriżi pandemika, li ilha għaddejja kważi sena?

Din hija biss waħda minn bosta mistoqsijiet. Inhegġgukom taqraw il-fehmiet tal-mistednin tagħna.

### **Il-preżentazzjoni fi f'it kliem**

**Sinéad Burke** – Avukata Irlandiża tad-diżabbiltà u direttur ta' Tilting the Lens: *“Jiena mara b'diżabbiltà, jiena edukatriċi, kittieba u avukata għad-diżabbiltà”*

**Ioannis Vardakastanis** – Membru tal-KESE u attivist tad-diżabbiltà, president tal-Forum Ewropew tad-Diżabbiltà: *“Iddedikajt ħajti għall-kampanja, il-promozzjoni, il-ġlieda għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, mir-raħal tiegħi sad-dinja kollha.”*

**Krzysztof Pater** – membru tal-KESE u awtur tar-rapport dwar id-dritt tal-persuni b'diżabbiltà li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-PE: *“Għal 20 sena ilni nipprova ngħin, nipprova nsib soluzzjonijiet, biex noħloq ambjent legali aħjar għal persuni b'diżabbiltà”.*

**Pietro Vittorio Barbieri** – President tal-Grupp Tematiku tal-KESE dwar id-Drittijiet tad-Diżabbiltà: *“Din mhix ġurnata ordinarja; issa għaddejjin minn perjodu li qed jeħodna mill-inklużjoni għall-esklużjoni. Il-kwistjoni ewlenija hija l-iżolament tan-nies waqt il-pandemija”.*

### **Tajjeb tkun taf...**

*Kemm int ottimist dwar l-isforzi tiegħek biex tteġġeg lit-tfal jaċċettaw id-differenzi u jiċċelebraw lilhom infushom? Kif qed jirreaġixxu?*

**Sinéad Burke:** “Għandi tama tanġibbli li l-futur ikun aħjar. Spiss ngħidu li t-tfal ma jarawhiex id-differenza, ma naħsibx li dan huwa minnu. It-tfal jarawha d-differenza; huma konxji tal-identità. It-tfal huma differenti mill-adulti mill-mod kif jirreaġixxu b'kurżità. Nixtieq nitlob lill-adulti biex jieħdu nota ta' kif it-tfal jirrispondu. L-aċċettazzjoni u l-kurżità huma tant importanti. Naħseb li l-adulti għandhom ikunu ispirati u jieħdu direzzjoni mit-tfal dwar kif jirrispondu għad-diżabbiltà”.

*X'nistgħu nagħmlu sabiex persuni b'diżabilità fl-Irlanda ta' Fuq ma jgħux separati mir-Repubblika tal-Irlanda f'termini ta' drittijiet tal-bniedem u kundizzjonijiet tax-xogħol, speċjalment għal ħaddiema remoti b'diżabilità?*

**Ioannis Vardakastanis:** "Il-kollaborazzjoni ma' organizzazzjonijiet għal persuni b'diżabilità se tkompli u l-kwistjonijiet li jikkonċernaw persuni b'diżabilità se jkunu fuq quddiem fl-aġenda. Il-messaġġ huwa ċar. L-għaqda u d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità għandhom jiġu rispettati mill-gvernijiet kollha. Ma jistgħux jiġu iżolati minħabba Brexit jew deċiżjonijiet politiċi oħra".

**Pietro Vittorio Barbieri:** "Il-ftehim ta' Brexit sal-aħħar tal-2020 se jiddefinixxi l-aġenda politika".

**Sinéad Burke:** "Hekk kif nimxu 'l quddiem lejn Brexit, m'għandniex inkomplu niffukaw fuq il-profitt u l-kummerċ iżda għandna niffukaw fuq in-nies. Il-ħolqien ta' politiki ffukati fuq in-nies, b'mod partikolari fil-pandemija, huwa importanti. Nispera li nibqgħu nkunu alleati u nappoġġjaw lil dawk li huma emarġinati, li ħafna drabi huma persuni b'diżabilità".

**Krzysztof Pater:** "Il-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità huwa pjattaforma meraviljuża. Fi żmien ir-rapport u qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, ħadd ma stenna li r-Renju Unit jitlaq mill-UE, iżda r-Renju Unit għandu numru ta' soluzzjonijiet leġiżlattivi li għandhom jitqiesu minn bosta organizzazzjonijiet tal-UE".

*X'inhu, fl-opinjoni tiegħek, l-ikbar impatt tal-pandemija fuq persuni b'diżabilità u liema aspetti tal-ħajja ta' kuljum ġew affettwati l-aktar?*

**Krzysztof Pater:** Nixtieq nenfasizza n-nuqqas ta' kuntatt ma' oħrajn, li mhux biss jaffettwa s-saħħa mentali tan-nies iżda wkoll il-ħajja tagħhom ta' kuljum (f'termini ta' assistenza, xiri, riabilitazzjoni). Pjani ta' azzjoni imposti mill-gvernijiet matul il-pandemija nsew dwar in-nies li jgħixu f'istituzzjonijiet ta' kura fit-tul".

**Pietro Vittorio Barbieri:** "L-aspett l-iktar affettwat huwa dak ta' nies li jgħixu fi djar tal-kura u s-sentiment ta' iżolament. L-anzjani ġew abbandunati".

**Sinéad Burke:** "Waqt il-pandemija kienu qed ikejlu l-kapaċità tiegħek li tissopravvivi t-trattament. Jekk kont anzjan jew diżabbli kien inqas probabbli li tirċievi l-kura. Hemm xi ħajjiet aktar validi minn oħrajn? Naħseb issa li qed infasslu postijiet għat-tbeggħid soċjali għandna l-opportunità li noħolqu pedamenti ġodda u naħsbu dwar kif nixtiequ li tidher id-dinja, bil-persuni b'diżabilità fil-qalba ta' dan l-iżvilupp".

**Ioannis Vardakastanis:** "Bil-parafrażi tas-slogan mill-Istati Uniti, nistgħu ngħidu li l-ħajjiet tal-persuni b'diżabilità jgħoddu wkoll. Matul il-pandemija, rajna l-esklużjoni, il-faqar fis-saħħa, id-diskriminazzjoni u l-inugwaljanzi fis-sistema tas-saħħa. "Xejn dwarna mingħajrna" għandha tkun forza mexxejja ta' vera biex jinbidlu l-politiki u s-sistemi biex il-ħajjiet ta' persuni b'diżabilità jkunu jgħoddu."(at)


---

## Il-KESE jappella għal bidla fil-li?i elettorali tal-UE



**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) stieden lill-Parlament Ewropew (PE), lill-Kunsill tal-UE u lill-Istati Membri biex jemendaw b'mod urġenti l-Att Elettorali tal-1976 b'mod li jiggarrantixxi li ċ-ċittadini kollha tal-UE b'diżabilità jkollhom dritt ġenwin li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-PE fl-2024.**

Fl-Opinjoni tiegħu dwar [Il-ħtieġa li jiġu garantiti drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew](#), adottata fit-2 ta' Diċembru, il-KESE qal li kien qed jitlob li fit-test tal-Att jingħataw kjarifiki dwar il-prinċipji tal-universalità, is-segretezza u l-kapaċità diretta.



Dan itemm id-diskriminazzjoni kontra l-votanti b'diżabilità minħabba r-regoli jew l-arranġamenti attwali fi Stati Membri differenti, li jvarjaw b'mod konsiderevoli minn pajjiż għal ieħor. Dan jista' wkoll ineħħi l-ostakli legali jew tekniċi attwalment fis-seħħ fl-Ewropa kollha, li qed iċaħħdu miljuni mid-drittijiet tal-vot tagħhom.

L-Opinjoni hija segwitu għar-rapport ta' informazzjoni tal-KESE li sab li, minħabba dawn l-ostakli, l-ebda pajjiż tal-UE ma seta' jiggarrantixxi li l-elezzjonijiet ikunu kompletament aċċessibbli għal kulħadd.

Is-sejbiet tar-rapport, ippubblikati xahrejn qabel l-elezzjonijiet tal-PE tal-2019, ġew ikkonfermati aktar tard mir-rapporti elettorali mill-midja u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

“Il-KESE jqis li tali diskriminazzjoni hija inaċċettabbli u tmur kontra l-valuri fundamentali tal-UE, it-Trattati u l-atti legali u politiċi internazzjonali ewlenin,” qal **Krzysztof Pater**, l-awtur tar-rapport u tal-Opinjoni.

“Dak li qed nitolbu għandu x'jaqsam mal-prinċipju tad-drittijiet ugwali għal kulħadd. Kif jista' jkun li fis-seklu 21, miljuni ta' ċittadini tal-UE b'diżabilità ma jistgħux igawdu d-dritt tagħhom li jivvutaw, u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kważi ma jagħmlu xejn biex ibiddlu dan? Din hija kwistjoni kruċjali għad-demokrazija tal-UE. Fuq kollox, din hija kwistjoni tad-dinjità umana”, enfasizza s-**Sur Pater**.

Fil-fehma tal-KESE, il-prattiki eżistenti li jiddiskriminaw kontra ċ-ċittadini tal-UE b'diżabilità jistgħu jitneħħew malajr billi jiġi emendat l-Att Elettorali b'mod li jdaħħal obbligu għall-pajjiżi tal-UE biex jimplementaw standards li jiggarrantixxu li dawn il-persuni jkollhom dritt ġenwin li jivvutaw.

Dawn l-istandards jinkludu ż-żieda ta'stqarrija li tistipula li l-ebda ċittadin tal-UE ma jista' jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu li jivvota fl-elezzjonijiet tal-PE minħabba kundizzjoni ta' diżabilità jew saħħa abbażi ta' regolamenti nazzjonali.

L-istandards meħtieġa biex jiġu ċċarati l-prinċipji ta' kapaċità diretta u segretezza se jiżguraw li l-persuni kollha b'diżabilità, irrispettivament mit-tip ta' diżabilità tagħhom, ikunu jistgħu jivvutaw mingħajr assistenza u b'mod sigriet. (II)



## Nifir?u l-kisba ta' s?ubija komprensiva bejn l-UE u r-Renju Unit

***Dikjarazzjoni konġunta minn Christa Schweng, President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) u Jack O'Connor, President tal-Grupp ta' Segwitu tal-KESE dwar il-Brexit***

**Nifir?u lin-negozjaturi tal-Unjoni Ewropea u tar-Renju Unit talli kkonkludew b'suċċess negozjati mill-aktar kumplessi u diffiċli biex jintlaħaq Ftehim Kummerċjali li huwa ta' importanza vitali għaċ-ċittadini tar-Renju Unit u tal-Ewropa kollha kemm hi.**

**Il-KESE jinsab lest li jibni r-rabtiet kollha possibbli mas-Soċjetà Ċivili fir-Renju Unit.**

L-ewwel nett, huwa ta' sodisfazzjon kbir li fl-aħħar, wara negozjati twal u kumplessi, l-UE u l-gvern tar-Renju Unit irnexxielhom jil?qu qbil dwar il-

ftehim ta' s?ubija.

Wara d-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Jannar 2020, wara 47 sena ta' s?ubija mal-UE, kien assolutament vitali li nkunu nafu l-mod li bih se jkunu rregolati r-relazzjonijiet futuri bejn iż-żewġ imsieħba.

Il-ftehim ta' s?ubija se jkun il-pedament li fuqu se jinbnew ir-relazzjonijiet futuri bejn l-UE u r-Renju Unit.

F'isem il-KESE, nifir?u bil-qalb lis-Sur Michel Barnier, il-Kap negozjatur tal-UE u t-tim tiegħu li wrew professjonaliżmu, reżiljenza u esperjenza indiskutibbli, filwaqt li ħadmu bla heda biex iżommu front Ewropew magħqud.

Naturalment, irridu nifir?u wkoll lid-delegazzjoni tar-Renju Unit li ħadmet b'suċċess biex tissiġilla l-ftehim. Aħna għalkollox konxji li dan ma kien faċli xejn.

Mill-1 ta' Jannar 2021, il-kumpaniji, il-ħaddiema u ċ-ċittadini fuq iż-żewġ naħat tal-Kanal se jkunu jistgħu jorganizzaw lilhom infushom. Il-ftehim ta' s?ubija jgħib iċ-ċertezza, l-element kruċjali biex il-kumpaniji jippjanaw l-investimenti tagħhom, biex il-ħaddiema jiddeċiedu fejn se jaħdmu u biex iċ-ċittadini jiddeċiedu fejn iridu jgħixu.

Bħala l-KESE, segwejna n-negozjati tal-Brexit mill-qrib, inkluż permezz tal-grupp ta' ħidma ad hoc li stabbilejna.

Ir-rwol tagħna se jiffoka fuq li nfittxu li nttimizzaw il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej l-oħrajn u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, u nibnu r-rabtiet kollha possibbli mas-Soċjetà Ċivili fir-Renju Unit. Aħna nemmnu, aktar minn qatt qabel, li din għandha tkun il-missjoni tal-KESE għas-snin li ġejjin.

### **Christa Schweng**

President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)



## Ba?it tal-UE 2021-2027 – Il-KESE huwa kuntent li l-fehmiet tas-so?jetà ?ivili qed i?allu impatt

**Il-KESE jilqa' l-adozzjoni mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-UE tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 fl-10 ta' Diċembru 2020. Il-kompromess dwar il-baġit Ewropew u l-fond ta' rkupru flimkien ma' mekkaniżmu tal-istat tad-dritt iqis il-kontribut proattiv u komprensiv tal-KESE favur QFP aktar ambizzjuż għall-UE.**

Bl-appoġġ tal-irkupru Ewropew u billi jgħin fil-bini ta' Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha, ekoloġika u diġitali, il-Kumitat qed ikompli jaqdi rwol uniku fit-tfassil tal-politika tal-UE. Il-kontribut tiegħu bħala leħen l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għal darb' oħra wera li kien ta' importanza, bħalma rajna bl-Opinjonijiet numerużi tal-KESE dwar il-baġit fit-tul tal-UE li ġew meqjusa u adottati mill-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-UE.

“Huwa d-dmir tagħna li nikkomunikaw il-benefiċċji li ż-żieda fil-baġit 2021-2027 se jkollha għas-soċjetà ċivili. Ninnota b'sodisfazzjon li l-kontribut tal-KESE għamel differenza. Il-Ftehim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid u dwar il-Faċilità l-ġdida għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa f'waqtu. Nittamaw li dan se jkun il-punt tat-tluq għal irkupru rapidu għall-Ewropa u l-ewwel pedament ta' Unjoni iktar b'saħħitha u ekoloġika u li r-riżultat aħħari se jkun konformi mal-ambizzjonijiet u l-ħtiġijiet tal-UE,” qal **Cillian Lohan**, Viċi President tal-KESE għall-komunikazzjoni.

Aqra [\*\*President tal-KESE Christa Schweng Stgarrja dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u l-Fond għall-Irkupru.\*\*](#)

Għal informazzjoni dwar l-Opinjonijiet tal-KESE li huma riflessi fil-QFP, jekk jogħġbok ara [din l-appendiċi](#).(mp)



## [#DigitalServicesAct, #DigitalMarketsAct: Wasal i ?-?mien biex id-demokrazija tag?na til?aq lit-teknolo?ija](#)

**L-aħħar inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġu rregolati s-servizzi u s-swieq diġitali se jiżguraw li l-fornituri jieħdu r-responsabbiltà għas-servizzi li joffru u li l-ġganti diġitali ma jimponux ir-regoli tagħhom stess fuq is-swieq tal-Ewropa, qalet il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni, Margrethe Vestager, waqt il-plenarja ta' Diċembru tal-KESE.**

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali tal-Kummissjoni Ewropea, ippubblikati fil-15 ta' Diċembru, se jgħinu lid-demokrazija Ewropea tilħaq mal-aħħar għoxrin sena ta' żvilupp diġitali, u se jiddefinixxu kif għandhom jiġu pprovduti s-servizzi diġitali u kif għandhom jaħdmu s-swieq diġitali, qalet **is-Sinjura Vestager** lill-plenarja tal-KESE

matul dibattitu dwar **Ewropa lesta għall-era diġitali**.

Il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, enfasizzat li t-tranżizzjoni diġitali saret importanti iktar minn qatt qabel bħala waħda miż-żewġ komponenti fundamentali tal-irkupru tal-Ewropa mill-kriżi tal-COVID-19, flimkien mat-tranżizzjoni ekoloġika.

Il-President tal-KESE kkwotat studju reċenti li skontu, sal-2030, il-kontribut addizzjonali kumulattiv tal-PDG tat-teknoloġiji diġitali ġodda jista' jammonta għal EUR 2,2 triljun fl-UE – l-ekwivalenti tal-PDG ikkombinat ta' Spanja u tan-Netherlands għall-2019.

**Is-Sinjura Schweng** qalet li neħtieġu approċċ Ewropew għad-diġitalizzazzjoni, iċċentrat fuq il-bniedem. Mingħajr il-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji mhux se nkunu nistgħu naħtfu l-opportunitajiet offriti mid-diġitalizzazzjoni. Għal dak il-għan, huwa importanti li jinbena Spazju Ewropew tad-Data fejn id-data tagħna tkun protetta u jiġu żgurati l-privatezza u l-awtodeterminazzjoni. Neħtieġu wkoll li nibnu sovranità teknoloġika tal-UE filwaqt li nżommu l-kummerċ diġitali globali.

**Is-Sinjura Vestager** ippreżentat l-elementi prinċipali tal-istrateġija diġitali tal-Kummissjoni, strateġija li tagħti attenzjoni partikolari lit-**tisħiħ tal-investment privat** u li tistrieħ fuq l-**inizjattivi ewlenin** (relatati mal-ħiliet diġitali, is-servizzi pubbliċi diġitali u ċ-cybersigurtà) u fuq il-bini u l-użu tal-kapaċitajiet diġitali.

**Is-Sinjura Vestager** qalet li issa, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali se jiżgura li l-fornituri tas-servizzi diġitali jassumu r-responsabbiltà u jagħtu rendikont għas-servizzi li jipprovdu u li huwa possibbli li l-fiduċja terġa' tinbena. Il-kontenut u l-prodotti illegali online li ma jissodisfawx ir-regoli li għandna għall-prodotti fiżiċi huma l-problema. It-tnejn li huma jridu jiġu rranġati, u għandhom jiġu rranġati fuq skala Ewropea.

Hija kompliet tgħid li l-Att dwar is-Swieq Diġitali se jibgħat messaġġ lill-kumpaniji ġganti: li jistgħu jagħmlu negozju fl-Ewropa kemm iridu, jista' jkollhom suċċess kemm iridu, iżda hemm lista ta' dak li għandhom u m'għandhomx jagħmlu meta jilħqu l-pożizzjoni ta' kontroll, sabiex ikun hemm il-kompetizzjoni ġusta u jservu lill-konsumaturi bl-aħjar mod possibli. Il-punt fundamentali hawnhekk huwa li s-suq għandu jservi lilna bħala konsumaturi u li rridu teknoloġija li nistgħu verament nafdaw. (dm)



## Is-servizzi pubbli?i nazzjonali huma essenzjali g? ad-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-UE

**Il-KESE huwa favur sett ta' prinċipji komuni għas-servizzi pubbliċi sabiex jgħinu lill-Istati Membri jikkonformaw bis-sħiħ mad-demokrazija u l-istat tad-dritt.**

F'[Opinjoni adottata mill-assemblea plenarja fit-2 ta' Diċembru](#), il-KESE jirrimarka li s-servizzi pubbliċi, billi jiżguraw aċċess ugwali u universali għas-servizzi lil kulħadd, inklużi gruppi vulnerabbli u żvantaġġati, jikkontribwixxu għal progress soċjali u għal soċjetà dinamika. Huma jistgħu jaġixxu bħala "stabilizzaturi awtomatiċi" kruċjali fi żminijiet ta' kriżi, li f'dawn l-aħħar snin żdiedu f'oqsma bħas-sigurtà, l-ekonomija, l-ażil, l-ambjent, il-klima u s-saħħa.

Ir-relatur tal-KESE **Christian Moos** spjega: "L-amministrazzjoni u s-servizzi pubbliċi huma l-aktar rabta importanti bejn il-gvernijiet u s-

soċjetà ċivili. Huma fundamentali għar-reżiljenza tad-demokrazija liberali fl-Ewropa. L-UE teħtieġ mekkaniżmi effettivi li jiggarrantixxu r-rispett sħiħ tal-istat tad-dritt u l-imparzjalità tal-amministrazzjoni pubblika fl-Istati Membri".

### **Sett ta' prinċipji komuni**

Il-KESE jidentifika sett ta' prinċipji komuni għas-servizzi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi:

- Id-dritt g'al amministrazzjoni tajba jsa??a? il-fidu?ja tas-so?jetà. It-trasparenza fis-servizzi pubbli?i ti?gura sorveljenza indipendenti u tikkontribwixxi g?all-?lieda kontra l-korruzzjoni.
- Is-servizzi pubbli?i g?andhom funzjoni protettiva fir-rigward tal-istat tad-dritt. Il-persunal li ja?dem fis-servizzi pubbli?i g? andu jkun protett sabiex ikun jista' jirrifjuta li jobdi struzzjonijiet ta' servizzi ille?ittimi.
- Is-servizzi pubbli?i jridu ji?guraw a??ess liberu g?all-informazzjoni u jibqg?u disponibbli g?all-kul?add minn persuna g?al persuna, irrispettivament mid-di?italizzazzjoni.

Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li s-servizzi pubbliċi għandhom ikunu interoperabbli fil-livell Ewropew. L-iskambji u r-rotazzjoni tax-xogħol bejn is-servizzi pubbliċi tal-Istati Membri għandhom ikunu possibbli. Is-servizzi pubbliċi kollha involuti fl-għoti tal-fondi Ewropej iridu jirrispettaw u jimplementaw il-prinċipji tas-servizzi pubbliċi. (na)



## Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil tal-UE: opportunità mitlufa għal bidu ta' idur tant me' tie?

**Il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil tal-UE għe kkritikat bil-qawwa matul konferenza ta' livell għoli organizzata mill-KESE. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, il-gruppi ta' riflessjoni u l-Parlament Ewropew sabu li l-patt il-ġdid ma jwassalx għall-bidliet meħtieġa biex tinħoloq sistema Ewropea komuni xierqa għall-migrazzjoni u l-ażil.**

Fis-26 ta' Novembru partijiet interessati inklużi l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament u l-Kunsill, gruppi ta' riflessjoni, imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ħadu sehem f'[seduta virtwali dwar il-Patt iĠdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil](#). Il-konferenza, organizzata mis-Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza (SOC) tal-KESE, esplorat jekk il-patt ġdid iġibx il-bidla sistemika meħtieġa biex jingħeleb l-imblokk attwali u tiġi żviluppata politika tal-UE dwar l-ażil u l-migrazzjoni sostenibbli, razzjonali u bbażata fuq id-drittijiet.

Il-kritika minn membri differenti tal-bord iffokat fuq tliet aspetti ewlenin: it-triq leġiżlattiva magħżula, sostnuta mill-intergovernamentaliżmu u li tippermetti n-negożjati biex jibdeu qabel is-sottomissjoni ta' proposta leġiżlattiva mill-Kummissjoni; il-fehim dualistiku tal-migranti jew bħala refuġjati reali jew individwi illegali li jistgħu jitkeċċew; u l-mekkaniżmu ta' sponsorizzazzjoni tar-ritorn li għadu kif għe introdott, li jippermetti lill-Istati Membri jikkontribwixxu għas-solidarjetà billi jwettqu proċeduri ta' tkeċċija ta' pajjiżi oħra.

Il-membri tal-grupp ta' studju tal-KESE dwar din l-inizjattiva esprimew dispjaċir dwar il-fatt li l-patt iddedika l-biċċa l-kbira tal-proposti tiegħu għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni filwaqt li naqas milli jagħti l-attenzjoni dovuta lil kanali regolari ta' immigrazzjoni, lil perkorsi sikuri għall-ażil jew lill-inklużjoni u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE. "Aħna ftit diżappuntati mill-kontenut ta' dan il-patt," qal **José Antonio Moreno Díaz**, ir-relatur tal-KESE għall-Opinjoni dwar il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. "Nittamaw għal patt aktar ambizzjuż u kostruttiv li jkun aktar realistiku fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem." (na)



## Ajru Uniku Ewropew – il-proposta l-?dida tal-Kummissjoni tista' ma tkunx bi??ejjed

**Il-Kummissjoni Ewropea u l-partijiet interessati tal-avjazzjoni għandhom jerġgħu lura għall-fażi ta' diskussjoni biex jiċċaraw l-ambizzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar l-Ajru Uniku Ewropew (SES), jgħid il-KESE f'opinjoni li għadha kif ġiet adottata.**

Fil-fatt, għadu mhux ċar jekk l-abbozz tal-proposta tal-Kummissjoni hux se jkun biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet oriġinali tal-SES f'termini ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' CO2 u titjib tal-effiċjenza tal-immaniġġjar tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru (ATM/ANS).

Il-KESE ta prijorità lill-kwistjoni f'opinjoni abbozzata minn **Dumitru Fornea** u adottata fis-sessjoni plenarja.

Meta kkummenta waqt id-dibattitu, is-**Sur Fornea** qal: "il-funzjoni tal-manijer tan-network għandha tiġi ċċarata, speċjalment l-ambitu ġenerali u l-impatt tiegħu fuq l-ippjanar tal-linji tal-ajru, il-ġestjoni tal-kapaċità, id-disinn tal-ispazju tal-ajru, l-ambjent u l-prijoritizzazzjoni tat-talbiet. Il-partijiet interessati kollha fl-avjazzjoni għandhom ikunu involuti biex jilħqu deċiżjonijiet maġġuri; il-prinċipju ta' konsultazzjoni sinifikanti jeħtieġ li jkun parti mill-proposta qafas".

Il-proposta tal-Kummissjoni hija nieqsa wkoll minn kwalunkwe referenza għall-konsegwenzi drammatiċi tal-kriżi COVID-19 fuq l-industrija. F'dan ir-rigward, il-KESE jirrakkomanda li jitwettaq studju tal-impatt sabiex tingħata kunsiderazzjoni adegwata lill-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-pandemija tal-coronavirus kemm għall-ħaddiema kif ukoll għall-utenti tas-servizz. (mp)



## It-teknoloġiji tal-blockchain u l-industrija tal-minjieri: futur komuni

**It-teknoloġiji tal-blockchain jistgħu joffru soluzzjonijiet utli għall-industrija tal-minjieri tal-futur, iżda t-tranżizzjoni diġitali trid tqis il-konsegwenzi soċjali. Dan kien il-messaġġ ewlieni mir-round table online organizzat mill-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) tal-KESE fl-14 ta' Diċembru 2020.**

"Il-kumpaniji tal-minjieri li laqgħu u implimentaw it-tranżizzjoni diġitali raw titjib fis-sikurezza, is-sostenibbiltà, il-produttività u l-profitti tagħhom. Il-blockchain huwa l-futur tal-industrija, iżda l-governanza tagħha jeħtieġ li tiġi diskussa. Irridu nimminimizzaw l-iżbilanċi soċjali u territorjali li ġabet magħha t-trasformazzjoni tal-attivitajiet bħala parti mill-Patt Ekoloġiku

ġdid u l-ekonomija ċirkolari,” qal **Pietro De Lotto**, il-prsident tas-CCMI.

Dan ġie mtenni mill-membri tas-CCMI, Hilde Van Laere: “Il-blockchain hija fil-qalba tat-tranżizzjoni diġitali u għandha l-potenzjal li ttrasforma n-negozji u s-soċjetà kollha kemm hi, mhux biss l-industrija tal-minjieri. Biddlet kull intrapriża f’kull settur u ttrasformat ukoll il-kuntest tat-tħaffir fil-minjieri. Bil-kapaċità tagħha li tipprovdi sikurezza u trasparenza fit-tranżizzjoni tan-negozju, kif ukoll li tirreġistra bidliet fid-okumenti u l-ftehimiet tan-negozju, it-teknoloġija tal-blockchain għandha applikazzjonijiet utli ħafna fil-qasam tal-minjieri.”

Firxa wiesgħa ta’ partijiet interessati operazzjonali u istituzzjonali ngħaqdu fid-dibattitu: l-Organizzazzjoni tal-Minjieri tal-Iżveġja, Minespider, Kamni Chain, IndustriALL Norway, l-Osservatorju Internazzjonali tal-Materji Prima, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (EEAS).

Il-webinar kien parti mill-ħidma ta’ segwitu dwar l-Opinjoni CCMI/176 dwar [L-estrazzjoni diġitali fl-Ewropa: Soluzzjonijiet ġodda għall-produzzjoni sostenibbli tal-materja prima](#), imfassla minn **Marian Krzaklewski** u **Hilde Van Laere**, li l-KESE adotta fis-sessjoni plenarja tiegħu f’Settembru. (mp)



## [L-awtonomizzazzjoni hija l-muftie? għal Patt Klimatiku Ewropew ta’ su??ess](#)

**Il-KESE bi pjaċir jara r-rakkomandazzjonijiet tiegħu riflessi fil-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għal Patt Klimatiku Ewropew li jappoġġja l-azzjoni klimatika eżistenti u ġdida permezz tat-tagħlim bejn il-pari, l-edukazzjoni, il-bini tal-kapaċità, it-tneħħija tal-ostakli, u aċċess aktar faċli għall-finanzjament.**

Bl-introduzzjoni tal-kunċett ta’ newtralità karbonika globali, il-Ftehim ta’ Pariġi biddel id-diskors politiku u qiegħed lill-gvernijiet u l-partijiet interessati fuq mogħdija orjentata lejn l-azzjoni. Dan ir-riżultat ma kienx ikun possibbli mingħajr il-mobilizzazzjoni bla preċedent tal-partijiet interessati kollha tas-soċjetà ċivili. Il-parteċipazzjoni attiva tal-”partijiet kollha tas-soċjetà” hija prerekwiżit għal politika tal-klima li tirnexxi fi ħdan l-UE.

Il-membri tal-KESE **Peter Schmidt** qal: “Il-Patt Klimatiku huwa opportunità importanti biex jiġi mfassal approċċ innovattiv li se jirrifletti, jappoġġja u jispira azzjoni li diġà qed issir fis-soċjetà ċivili, fil-komunitajiet, il-bliet u r-reġjuni.”

Il-KESE jixtieq jaħdem mal-Kummissjoni Ewropea u ma’ korpi oħrajn tal-UE biex joħolqu b’mod kondiviż [Pjattaforma tal-Partijiet Interessati tal-Patt Klimatiku Ewropew](#) ibbażata fuq il-prinċipji tal-inklużività, it-trasparenza u l-parteċipazzjoni ġenwina, kif ukoll is-sjieda minn atturi klimatiċi fil-livelli kollha.

Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' [Forum tal-UE dwar il-Finanzjament għall-Klima](#) bħala parti mill-Patt għandu jstimola proċessi ta' tagħlim li huma tassew reċiproċi, jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament u jneħħu l-ostakli. Mekkaniżmu għall-involviment taż-żgħażaġħ fil-klima u s-sostenibilità, bħal [Round Tables taż-Żgħażaġħ dwar il-Klima u s-Sostenibilità proposti mill-KESE](#), għandu jkun parti integrali ta' dan il-Patt. (mr)



## [Il-KESE jing?aqad fl-isforzi tal-UE biex ji??eddu r-rabtiet mal-Istati Uniti](#)

**Wara l-elezzjonijiet fl-Istati Uniti, il-Kumitat ta' Segwitu tal-KESE dwar ir-Relazzjonijiet Transatlantiċi Itaqa' fil-15 ta' Diċembru sabiex jiistabilixxi mill-ġdid sħubija b'saħħitha mas-soċjetà ċivili tal-Istati Uniti.**

Bil-presidenza l-ġdida tal-Istati Uniti appik li tibda l-mandat tagħha, l-UE u l-Istati Uniti issa għandhom opportunità uniku, wara t-tfixkil kbir ta' dawn l-aħħar snin, li jġeddu s-sħubija u l-ħbiberija tagħhom abbażi ta' valuri demokratiċi, storja u interessi komuni.

Sabiex jinbeda mill-ġdid id-djalogu tas-soċjetà ċivili, il-Kumitat ta' Segwitu tal-KESE dwar ir-Relazzjonijiet Transatlantiċi Itaqa' fil-15 ta' Diċembru, u ħadu sehem fil-laqqgħa wkoll l-MEP **Radosław Sikorski** u l-membri tal-Kungress tal-Istati Uniti, **William Hurd**.

Is-Sur **Sikorski** enfasizza r-rwol kruċjali tal-kuntatti personali bejn in-nies u kooperazzjoni bejn is-soċjetà ċivili iktar b'saħħitha konformi mal-aġenda transatlantika ġdida. "Id-differenzi ta' politika bejn l-UE u l-Istati Uniti ma sparixxewx, iżda rieda tajba, pożizzjonijiet ugwali u fiduċja f'xulxin huma bidu tajjeb," huwa qal.

Is-Sur **Hurd** appoġġja bil-qalb id-djalogu transatlantiku: "L-Amerika li tinsab fuq quddiem mhijiex l-Amerika waħedha. Irridu nuru l-kapaċità li nibnu alleanzi". Huwa enfasizza li kien ta' importanza kbira li l-UE u l-Istati Uniti jikkoperaw quddiem Ċina li qed tkun dejjem iżjed assertiva fix-xena internazzjonali.

**Peter Chase**, Senior Fellow fi ħdan il-Fond Marshall Ġermaniż tal-Istati Uniti, irrimarka li strateġija ambizzjuża hija kruċjali għar-relazzjonijiet ekonomiċi transatlantiċi: "ekonomija b'saħħitha "tmantni" lis-soċjetà ċivili, it-think tanks, in-negozji u l-investimenti".

**Matthias Jørgensen** mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Kummerċ, ippreżenta l-aġenda transatlantika l-ġdida tal-Kummissjoni, u stieden lill-Istati Uniti tingħaqad fil-ġlieda għal-dinja aktar f'saħħitha, sikura, prosperuża u demokratika wara l-COVID-19, u biex naħdmu flimkien biex niproteġu lill-pjaneta, it-teknoloġija, il-kummerċ u l-istandards.

**Garrett Workman**, direttur anzjan għall-Affarijiet Ewropej fi ħdan il-Kamra tal-Kummerċ tal-Istati Uniti, ikkummenta li "il-kummerċ huwa l-bażi biex nagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet li saru mill-politika tal-Istati Uniti f'dawn l-aħħar snin".

Il-KESE ppreżenta wkoll "**Building bridges across the Atlantic**", proġett ambizzjuż li jenfasizza r-rwol tas-soċjetà ċivili u l-importanza tal-impatt tagħha fuq sħubija transatlantika mġedda. Il-proġett għandu l-għan li jgħaqqad lin-nies u l-attivitajiet tagħhom u li jsemma' il-ħna liberali fuq iż-żewġ naħat tal-Atlantiku fi żmien

## A?BARIJET MILL-GRUPPI



### Kumpaniji tal-UE lesti li jimplimentaw ?ew? tran? izzjonijiet, dik ekolo?ika u dik di?itali

**Mill-President tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE, Stefano Mallia**

**In-newtralità klimatika u t-tmexxija diġitali mhux se jkunu komputu faċli għall-Ewropa. L-aġenda trasformattiva tal-Patt Ekoloġiku Ewropew hija eżiġenti daqs kemm hija konvinċenti. Xi CEOs jipperċepixxuh bħala komputu enormi, iżda kull min iħaddem fl-UE huwa lest li jżid ix-xogħol u jaċċellera l-implimentazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.**

Jidher ċar li d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija se tgħabbi kumpaniji li jużaw ħafna enerġija bi spejjeż kbar għall-enerġija filwaqt li fl-istess ħin timponi tibdil strutturali enormi fuq is-setturi industrijali, tat-trasport u tal-enerġija, bir-riskju ta' żvantaġġ ekonomiku f'suq globali kompetittiv.

Madankollu, dan jista' jintlaħaq jekk l-oġettiv ta' politika klimatika globali tal-UE jkun ibbilanċjat bi strateġija industrijali ambizzjuża li ssaħħaħ il-kompetittività - u politika tal-enerġija daqstant ambizzjuża mfasla biex tiżgura s-sigurtà u l-affordabilità fit-tul tal-enerġija. M'hemm l-ebda dubju li l-istrateġija industrijali aġġornata, li l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta kmieni s-sena d-dieħla, trid tallinja l-fergħat ewlenin tal-politika tal-enerġija u l-kompettività industrijali.

Fl-istess waqt, soluzzjonijiet diġitali huma indispensabbli għat-tisħiħ tal-progress lejn l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku. Billi l-Ewropa għadha lura fl-iżvilupp diġitali u l-konnettività b'veloċità għolja, "Patt Diġitali" għall-Ewropa hija meħtieġa.

Aħna nemmnu bil-qawwa li l-kumpaniji Ewropej għandhom il-kapaċità ta' riċerka u soluzzjonijiet teknoloġiċi biex jgħinu lill-kontinent tagħna jsir attur indipendenti bi rwol ta' mexxej fil-qasam diġitali.

Madankollu, hemm parametru nieqes fl-ekwazzjoni u dan huwa l-investment. Il-Pakkett għall-Irkupru tal-UE se jipprovdi appoġġ finanzjarju pubbliku komprensiv, li jrid ikun allinjat mal-finanzjament privat, jekk irridu nkunu żguri li noħolqu l-aħjar kundizzjonijiet għal rikostruzzjoni li tirnexxi.

Irridu nirrealizzaw li ninsabu fi stadju kritiku. Jekk infallu li nieħdu l-azzjonijiet meħtieġa issa se jkun hemm riperkussjonijiet profondi u deġġieme fuq ir-rwol tal-Ewropa fit-tiswir tal-futur globali. Assolutament ma

nistgħux infallu hawnhekk.

Fid-9 ta' Diċembru il-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE kellu webinar bit-titlu Id-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-kuntest tal-globalizzazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet li ħarġu minnu lil dawk li jjeħdu d-deċiżjonijiet fl-UE jinsabu hawnhekk: <https://europa.eu/dN89jx>



## Il-bilan? me?tie? bejn il-kwistjonijiet soċjali, ekonomi?i u ambjentali fit-tran?izzjoni industrijali

### **Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE**

**Bidla industrijali tista' tfisser impjegi u kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar, flimkien ma' tkabbir sostenibbli u inklużività. Jew tista' tfisser inugwaljanza u faqar rampanti, żieda sostanzjali fil-qgħad għal ċerti gruppi, u eventwalment ksur fil-koeżjoni soċjali li jipperikola l-UE u d-demokrazija nnifisha.**

Kien hemm raġunijiet, u kif, għalfejn tibdiliet storiċi fil-kundizzjonijiet materjali ta' produzzjoni u r-relazzjonijiet ta' xogħol iktar iva milli le riegħdu s-sisien infushom tas-soċjetà.

Madankollu, il-mod kif isseħħ il-bidla jiddependi sew fuq l-għażliet politiċi. Fl-aħħar plenarja ta' Diċembru 2020, il-[KESE adotta opinjoni importanti](#) dwar it-tranżizzjoni industrijali, mitluba mill-Parlament Ewropew, li sservi bħala pjan għall-ħtieġa ta' trattament ġust u ġustizzja fl-iżviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi fl-industrija u fid-dinja tax-xogħol.

Ir-riċetta biex jingħeleb it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku tal-pandemija u biex jiġu stabbiliti ekonomija u soċjetà aktar reżiljenti, moderni, ekoloġiċi, diġitali u inklużivi jeħtieġ l-ewwel u qabel kollox komponent soċjali qawwi. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għandu jkun fiċ-ċentru tat-trasformazzjoni, li għandu jinvolve parteċipazzjoni ċara, wiesgħa u qawwija tal-imsieħba soċjali u qafas regolatorju sod u ċar.

Din l-opinjoni għalhekk tistabbilixxi l-bilanċ meħtieġ, u spiss injorat, mhux biss f'termini ambjentali u ekonomiċi, iżda wkoll f'dawk soċjali: li ħadd ma jitħalla jibqa' lura mhuwiex biss prinċipju intenzjonat tajjeb. Hija neċessità jekk irridu nevitaw li l-populiżmu jispiċċa dak li beda wara l-kriżi tal-2008 u r-rispons ta' awsterità li skatta. (prp)



## Persuni li ja'dmu g'al rashom li jg'ixu fil-faqar: grupp li ta' spiss huwa minsi

**Minn Ronny Lannoo, membru tal-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE u ta' UNIZO, organizzazzjoni Belġjana tal-SMEs**

**Ħafna drabi l-persuni li ja'hdmu g'hal rashom huma assoċjati mal-kunċett li jagħmlu l-flus malajr u mas-suċċess. Madankollu, din il-perċezzjoni tostor il-ħafna sfidi li jiffaċċjaw l-intraprendituri. L-impjeg indipendenti dejjem jimxi id f'id mar-riskji, kemm fl-isfera tan-negozju kif ukoll fil-ħajja privata.**

Jekk l-affarijiet imorru ħażin, il-faqar (moħbi) spiss ikun wara l-kantuniera. Il-fatt li din is-sitwazzjoni spiss tiġi injorata huwa parzjalment dovut g'hal-fatt li dawk li ja'hdmu g'hal rashom huma mdrorrijin isolvu l-problemi tagħhom stess kull fejn jistgħu.

Li l-pubbliku jkun jaf li negozju jkun għaddej minn żmien ħażin huwa meqjus b'ħala riklam ħażin, sitwazzjoni li hija ta' mistħija, u għaldaqstant il-persuni li ja'hdmu g'hal rashom jew idumu ma jfittxu għajjnuna adegwata jew saħansitra jevitaw kompletament li jagħmlu dan.

Fil-Belġju, madwar 12,7 % tal-persuni li ja'hdmu g'hal rashom jgħixu taħt is-soll tal-faqar. Ir-raġunijiet għaliex isibu ruħhom f'diffikultà jinkludu ġestjoni ħażina, li wieħed jibda n-negozju mingħajr pjan ta' direzzjoni tan-negozju sod, mard u persuni li jdumu biex iħallsu.


Madankollu, hemm ukoll kwistjonijiet li min ja'hdem g'hal rasu ma jista' jagħmel xejn dwarhom. Il-kriżi tal-coronavirus hija eżempju drammatiku ta' dan, u l-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipprevedi li din se twassal g'hal mewġa ta' fallimenti.

Jeħtieġ li nirrikonoxxu l-problema u nagħmlu mod li nitkellmu dwarha: inqas ansjetà, aktar prevenzjoni u modi eħfef biex persuna tfittex l-għajjnuna. B'mod partikolari, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju ma għandhomx jistennew li jiġu kkuntattjati, minflok dawn għandhom ifittxu lill-intraprendituri li jinsabu f'diffikultà u jagħtu informazzjoni wiesgħa dwar x'jistgħu jagħmlu biex jgħinuhom.

Servizzi b'ħat-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u l-ikkowċjar fil-ġestjoni tan-negozju, l-identifikazzjoni bikrija tal-problemi permezz ta' senjalazzjonijiet ta' allarm u miżuri oħra jistgħu jipprevjenu ħafna fallimenti. Uħud minn dawn il-miżuri ġew estiżi u msaħħa matul il-pandemija, iżda għad fadal ħafna aktar xi jsir sabiex jonqos il-faqar fost il-persuni li ja'hdmu g'hal rashom madwar l-Ewropa.

---

## SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS



## Wirja tal-KESE ti?elebra d-dimensjoni so?jali fil-qalba tal-Presidenza Portugi?a tal-UE

**Hekk kif il-Portugall qed jie?u f'idejh ir-riedni tal-UE u jressaq l-a?enda so?jali 'l fuq fil-lista ta' prijoritajiet, il-KESE qed jospita wirja virtwali ta' xog?ol mill-artista Portugi?a Maria Reis Rocha li tag?ti ?ie?h lill-konnessjoni u s-solidarjetà tal-bniedem.**

**Hand in Hand** hija serje ta' illustrazzjonijiet u filmati qosra minn Maria Reis Rocha (<https://www.mariareisrocha.com/>) dwar kwistjonijiet so?jali ja?ħarqu b?as-sa?ħa mentali, il-parteċi?azzjoni u t-trasformazzjoni so?jali, l-edukazzjoni ta' kwalità, l-a?ċess universali g?hall-kura tas-sa?ħa, il-?g?lieda kontra l-faqar u r-razzi?mu, u d-drittijiet tat-tfal.

Dawn is-sug?getti huma marbuta mill-qrib mal-prijoritajiet tal-Presidenza Portugi?a (Ewropa re?iljenti, Ewropa so?jali, Ewropa ekolo?ika, Ewropa di?itali u Ewropa globali), li tibda fl-1 ta' Jannar 2021.

B?ħala avveniment kulturali inawgurati, il-wirja qed ti?i ppreżentata b'mod di?itali min?ħabba l-pandemija tal-COVID-19 u se tittella' mill-15 ta' Jannar sal-15 ta' Frar 2021 fuq:

<https://www.eesc.europa.eu/en/agenda/our-events/events/hand-hand> (ck)



## Il-KESE se jlaqqa' flimkien ?g?a?ag? minn madwar l-Ewropa biex jg?idu tag?hom kif nistg?u no?or?u mill-kri?i klimatika

**L-avveniment tal-KESE ta?z-?g?ħa?ag?h L-Ewropa Tieġ?ek, Le?nek Is-sessjoni plenarja ta' L-Ewropa Tieġ?ek, Le?nek tal-2021 se tibba?a fuq il-mudell tal-konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tibdil fil-klima (COP), bl-istudenti jag?tu l-fehma tag?hom dwar kif nistg?u nittrattaw il-kri?i klimatika u nersqu eqreb lejn l-ambizzjonijiet tan-newtralità klimatika sal-2050.**

Mill-2010, L-Ewropa Tieġ?ek, Le?nek laqqg?het flimkien fi Brussell aktar minn 100 student u aktar minn 30 g?ħalliem minn madwar l-Ewropa kull sena biex jiddibattu l-kwistjonijiet ja?ħarqu tal-?urnata. L-Ewropa Tieġ?ek,

Le?nek 2021, li se ssir fit-18-19 ta' Marzu 2021 fil-format ta' avveniment kollu kemm hu virtwali min?ħabba l-COVID-19, se tkun intitolata **Il-Klima Tag?na, il-?ejjieni Tag?na!**

Tlieta u tletin skola se jipparte?ipaw f'dan id-dibattitu ta?z-?g?ħa?ag?h, wa?da minn kull wie?ed mis-27 Stat Membru tal-UE u l-?ames pajji?i kandidati (il-Maċedonja tat-Tramuntana, is-Serbja, it-Turkija, il-Montenegro u l-Albanija) flimkien ma 'wie?ed mir-Renju Unit, b?ħala prova tanġibbli tar-riżoluzzjoni tal-KESE li tibqa 'vi?in is-so?jetà ?ivili Brittanika.

L-g?han ta' dan it-12-il avveniment ta' L-Ewropa Tieġ?ek, Le?nek huwa li jisma' l-fehmiet friski tal-istudenti dwar kif tista' ti?i ttrattata l-kri?i tal-klima attwali u kif nistg?u nersqu eqreb lejn l-ambizzjonijiet tan-

newtralità klimatika sal-2050.

Ir-riżultati ta' L-Ewropa Tiegħek, Leġnekk 2021 se jinqasmu ma' dawk li jfasslu l-politika dwar l-ambjent internazzjonali u jiġu promossi f'konferenzi madwar l-Ewropa, inkluż l-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ (EYE) tal-Parlament Ewropew, li se jsir fl-aħħar ta' Mejju 2021.

Filwaqt li l-istudenti huma okkupati fil-COP tagħhom, l-għalliema se jattendu sessjonijiet ta' informazzjoni online organizzati b'kooperazzjoni mat-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE (il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-UE) bil-għan li jżiedu mal-għarfien tagħhom dwar ix-xogħol u r-riżorsi tal-UE għaż-żgħażaġħ u l-edukazzjoni.

B'mod parallel ma' L-Ewropa Tiegħek, Leġnekk, il-KESE se jmexxi kampanja tal-midja soċjali fuq [Instagram](#) u [Facebook](#) biex irawwem sensibilizzazzjoni dwar it-tibdil fil-klima u jħeġġeġ liż-żgħażaġħ jibdew isegwu stil ta' ħajja sostenibbli. (cl)

## Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)  
Daniela Marangoni (dm)

## Il-kontributori għal din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)  
Chloé Lahousse (cl)  
Chrysanthi Kokkini (ck)  
Daniela Marangoni (dm)  
David Gippini Fournier (dgf)  
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)  
Jasmin Kloetzing (jk)  
Katharina Radler (kr)  
Laura Lui (ll)  
Marco Pezzani (mp)  
Margarita Gavanis (mg)  
Nicola Accardo (na)  
Pablo Ribera Paya (prp)

## Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)  
Katerina Serifi (ks)

Technical support  
Bernhard Knoblach (bk)

## Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040

Brussell, il-Belġju  
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86  
Indirizz elettroniku: [eescinfo@eesc.europa.eu](mailto:eescinfo@eesc.europa.eu)

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffijjali tal-?idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jog??bok irreferi g'all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b'ala s-sors u tintbag?at link lill-EDITOR.

01/2021